MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tas-7 ta' Lulju, 2004

Citazzjoni Numru. 1684/2000/1

**Oscar Schembri.**

**-vs-**

**Maria Concetta sive Cettina mart Frank Sammut u l-istess Frank Sammut ghal kull interess li jista' jkollu.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fl-10 ta' Awissu, 2000 li permezz taghha l-attur ppremetta:

Illi l-attur hu proprietarju tal-fond 45, Triq Lanzon, Tarxien, liema post jintuza bhala "workshop" fil-pjan terran u li parti

minnu jinsab taht il-fond 46, Triq Lanzon, Tarxien proprieta’ tal-konvenuta mikri ghand terzi.

Illi fir-rokna tal-imsemmi “workshop” hemm zewg xorok tas-saqaf li huma miksura lil tant nizlu ‘l isfel illi l-ilma tax-xita li jinzel fuq it-terrazzin, sovrapost ghal “workshop” qed icarcar mal-hajt komuni u jispicca fl-art tal-“workshop” b’periklu ghall-attur.

Illi din il-hsara li tezisti fis-saqaf qed tohloq periklu ghall-attur u ghall-istess konvenuti u dana skond kif jirrizulta mill-anness rapport peritali markat Dok “OS1”.

Illi l-opramorta tat-terrezzin tal-imsemmi fond 46, Triq Lanzon, Tarxien u li thares fuq il-bitha tal-“workshop” fuq imsemmi hi baxxa u trid tinbena ghall-gholi rikjest mill-ligi.

Illi l-konvenuti gew interpellati biex bonarjament jirrimedjaw u jezegwixxu l-imsemmija xoghlijiet izda baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m’ghandhiex:

1. Tikkundannhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li tiffissa din l-Onorabbli Qorti jaghmlu dawk ix-xoghlijiet kollha rimedjali u jinbidlu z-zewg xorok tas-saqaf li huma miksura kif ukoll tittella’ ghall-gholi rikjest mill-ligi l-opramorta tat-terrazzin li thares fuq il-bitha tal-“workshop” tal-fond 45, Triq Lanzon, Tarxien u dana kif spjegat dettaljatament fl-aness rapport peritali markat Dok “OS1” u dana a spejjez tal-konvenuti u okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi u taht kull provediment xieraq u opportun li jighgobha taghti din l-Onorabbli Qorti.

2. Tawtorizza lill-attur biex, fin-nuqqas li l-konvenuti jaghmlu l-imsemmija xoghlijiet, l-attur ikun awtorizzat biex, a spejjez tal-konvenuti, jaghmel dawn ix-

xoghlijiet huwa stess u dana taht id-direzzjoni u sorvelljanza ta’ periti nominandi.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittri bonarji tal-21 ta’ Jannar 2000, 16 ta’ Frar 2000 u tad-9 ta’ April 2000 u tal-ittra ufficjali tat-28 ta’ Frar 2000 kontra l-konvenuti li huma ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-attur mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet pprezentata fid-29 ta’ Dicembru, 2000 li permezz taghha l-konvenuti eccepixxew:

1. Illi inkwantu jirrigwarda l-opramorta tat-terazzin sal-gholi rikjest mill-ligi, l-esponenti jirrilevaw illi huma qatt ma rrifjutaw illi jeffetwaw dan ix-xoghol, izda kienu fl-impossibilita’ li jaghmlu hekk stante illi huma kienu talbu lill-attur sabiex jipprovdihom b’rapport peritali li jiccertifika illi l-hajt sottostanti huwa fi stat illi jiflah il-piz agguntiv, u dan skond ma jirrizulta minn korrispondenza bejn il-partijiet, liema rapport, sa llum, ghadu ma giex sottomess lill-konvenuti.

2. Illi inkwantu jirrigwarda t-tibdil taz-zewg xorok, l-esponenti qatt ma rrifjutaw illi jsir dan ix-xoghol, izda l-ispejjez tal-istess ghandhom jinqasmu bejn il-kontendenti.

3. Illi ghalhekk, stante l-intempestivita’ tal-azzjoni, l-esponenti ma ghandhomx ibaghtu l-ispejjez tal-proceduri odjerni.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta' Mejju 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza dwar il-kap tal-ispejjes wara li semghet lix-xhieda u l-Avukati tal-partijiet.

Illi il-mertu ta' din il-kawza gie esawrit billi fil-mori tal-kawza ix-xoghlijiet mitluba mill-attur saru a sodisfazzjon tieghu (fol 30 tal-Process).

Ghandhu jinghad li l-konvenut fin-nota tal-eccezzjonijiet taghhom qalu li huma kienu qed jistennew minghand l-attur rapport peritali li jiccertifika ma kienx hemm periklu li jsir ix-xoghol in kwistjoni u fl-eccezzjoni sussegwenti ikkonfermaw illi qatt ma irrifjutaw illi jsir ix-xoghol. Eccepew ukoll l-intempestivita' tal-azzjoni u kwindi qalu li ma ghandhomx jigu ikkundannati ihallsu l-ispejjes tal-kawza.

Id-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjes ghandha tittiehed a bazi tad-dokumenti a fol 40 et seq tal-process. Jirrizulta li fis-7 ta' April 2000 il-konvenuti irrispondew ghall-ittra ufficjali li intbaghtet mill-attur fit-28 ta' Frar 2000 fejn qalu li kienu qed jistennew minghand l-attur kopja tar-rapport peritali tal-AIC Mangion. Dr Abela f' isem l-atturi kiteb fid-9 ta' April 2000 u annessa mal-istess ittra kopja ta' dan ir-rapport. Ma jidher li sar xejn bil-miktub sal-21 ta' Awwissu 2002 meta l-konvenut kiteb lill-perit Mangion fejn informah illi hu kien ikkomunika mal-inkwilini tal-fond in kwistjoni u indikalu d-dati meta seta' jaccedi fl-istess fond. Dakinhar pero' l-kawza kienet gia' infethet xi granet qabel.

Jidher ghalhekk li l-konvenuti ma kienux premoruzi bizzejjed biex isiru x-xoghlijiet u l-attur in effetti stenna iktar minn sentejn wara li baghat l-ittra ufficjali biex jiftah il-kawza. Ma tantx ghalhekk jista' jinghad li l-attur kien intempestiv biex fetah il-kawza.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni**

**tat-talbiet tal-attur fuq imsemmija, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu l-ispejjez tal-kawza.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------